





### *F'għeluq il-ħamsin sena mill-wasla fostna tal-istatwa ta' San Mikiel*

# Id-Devozzjoni lejn San Mikiel f'Ħal Balzan

minn **Carmel Bezzina** BA, MA, MEd Couns (Bristol)

Id-devozzjoni lejn San Mikiel f'pajjiżna għandha firxa ġmielha u tmur lura ħafna fis-snin. Minkejja li m'għandna l-ebda parroċċa fil-gżejjer tagħna li bħala titular għandha lil dan l-Arkanġlu, niltaqgħu ma' knejjes żgħar imxerrdin fil-kampanja ddedikati lilu.[1] Għadd ta' knejjes parrokkjali wkoll għandhom artal iddedikat lil San Mikiel jew xi pittura ta' dan il-qaddis.[2] F'uħud minn dawn il-knejjes insibu wkoll fratellanza u xi drabi anke statwa ta' San Mikiel Arkanġlu.[3] Ħal Balzan huwa wieħed mill-irħula fejn id-devozzjoni lejn San Mikiel għandha għeruq qodma.

## Il-knisja ta' San Mikiel f'Ħal Balzan

Waħda mill-knejjes żgħar li kien hawn f'Ħal Balzan fis-seklu 16 kienet iddedikata lil San Mikiel. Mill-arkivju parrokkjali u mill-viżti pastorali li saru lil din il-parroċċa nafu li l-knisja nbniet fis-seklu 14 u li kienet f'salib it-toroq fil-wied ta' Ħal Balzan.[4] Mons. Pietru Dusina, fil-viżta appostolika li għamel lil Ħal Balzan nhar l-1 ta' Frar 1575, jgħidilna li l-knisja kellha kwadru antik u li x-xbieha ta' San Mikiel kienet impittra fuq l-injam. L-Isqof Baldassare Cagliares (1615) iżid jgħid li l-knisja kellha ċimiterju żgħir quddiem il-bieb ta' barra. Aktar dettalji dwar il-knisja ta' San Mikiel jagħtihomlna l-Isqof Mikiel Ġwanni Balaguer fil-viżta tiegħu lil Ħal Balzan fis-sena 1634. Jgħid li l-knisja kellha biss żewġ ħnejjiet, l-art kienet miksija biċ-ċangatura tal-franka, u kellha l-bieb iħares lejn il-punent. Iżid ukoll li l-knisja kienet imbajda minn barra u minn ġewwa, u kellha artal wieħed tal-ġebel. Fil-viżta li għamel l-istess Isqof tliet snin wara (1637) jżid dan id-dettall: ta' kull sena, nhar il-festa ta' San Mikiel, kien jiġi pellegrinaġġ b'għadd kbir ta' nies minn Birkirkara flimkien mal-kappillan tagħhom biex jinvistaw din il-knisja. Jgħid ukoll li wara l-għasar ta' lejlet il-festa kien jitqassam ikel, qagħaq u ġewż lill-fqar.

Iżda sfortunatament, meta l-Isqof Balaguer reġa' żar il-knisja ta' San Mikiel fl-1646, sabha mnażżgħa minn kollox għaliex kienu daħlu fiha xi ħallelin u serqu kull ma setgħu jieħdu. Il-knisja baqgħet tiġi ttraskurata u għalhekk l-istess Isqof Balaguer, nhar it-12 ta' Diċembru 1658, iddikjaraha pprofanata u ordna li l-piżijiet u l-kwadru tal-injam bix-xbieha ta' San Mikiel jittieħdu fil-knisja tal-Lunzjata, li allura kienet il-knisja parrokkjali.[5] Il-knisja ta' San Mikiel baqgħet mitluqa sakemm iġġarrfet għal kollox u ma baqa' ebda fdalijiet tagħha, hekk li sal-ġurnata tal-lum ma nistgħux ngħidu eżatt fejn kienet mibnija din il-knisja.

## L-artal ta' San Mikiel

Sal-viżta pastorali tal-Isqof Mikiel Ġlormu Molina fl-1679 il-kwadru ta' San Mikiel kien għadu fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata, u quddiem din ix-xbieha kien jinxtegħel il-lampier kull nhar ta' Sibt. Il-festa ta' San Mikiel nhar id-29 ta' Settembru baqgħet tiġi ċċelebrata wkoll bħalma kien isir meta kienet għadha wieqfa l-knisja ddedikata lilu.[6]

L-ewwel ħjiel dwar l-artal ta' San Mikiel wara li kien ġie trasferit fil-knisja parrokkjali l-ġdida nsibuh fir-relazzjoni tal-viżta pastorali tal-Isqof Gaspar Gori Mancini tas-16 ta' Mejju 1723. Jgħidilna li l-artal ta' San Mikiel, fuq in-naħa tal-lemin tal-artal maġġur, kien għadu kemm tlesta u li sar bil-kontribuzzjonijiet tan-nies. Il-kwadru hu l-istess wieħed li kien hemm darba fil-knisja ta' dan il-qaddis li kienet ġiet ipprofanata. Fir-relazzjoni ta' din il-viżta nsibu wkoll deskrizzjoni tal-prospettiva ta' dan l-artal kif kienet dak iż-żmien. Madwar il-kwadru ta' San Mikiel kien hemm tliet kwadri ovali, wieħed in-naħa ta' fuq tal-kwadru li jirrappreżenta

l-Adorazzjoni tas-Slaten Maġi, ieħor in-naħa tal-lemin li juri x-xbieha ta' Marija Immakulata, u l-ieħor in-naħa tax-xellug bix-xbieha ta' San Bartilmew Appostlu.

L-artal ta' San Mikiel jerġa' jissemma fiż-żewġ viżti pastorali tal-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan, waħda fl-1729 u l-oħra fl-1745. F'din tal-aħħar jgħidilna li l-artal kellu skannell ġdid tal-injam mimli skultura u ndurat, u li fuqu kellu sitt gandlieri sbieħ u Kurċifiss. Jissemma wkoll il-kwadru li kien mitlub li jsir mill-mejjet Orazju Psaila fl-atti tan-nutar Giovanni Grech tal-10 ta' Settembru 1724. F'xi żmien aktar tard fuq ras ix-xbieha ta' San Mikiel tissemma kuruna tal-fidda, kif osserva l-Isqof Vincenzo Labini fil-viżta tiegħu tal-1781. L-artal kompla jissebbaħ meta sar tar-rħam sena wara li tlesta l-artal maġġur fl-1824. Kienu l-istess marmisti li ħadmu l-artal maġġur, Ġużeppi Dalli u Vincenzo Adrario, li ħadmu wkoll l-artal ta' San Mikiel. Dan ix-xogħol ħallas għalih is-Sur Pawlu Sammut, kif tixhed il-kitba fuq l-istess artal.



Ritratt tal-knisja parrokkjali, armata għall-festa titulari tal-Lunzjata, lejn tmiem is-seklu 19. Fl-isfond tidher il-prospettiva tal-artal ta' San Mikiel kif kienet fl-imgħoddi.

Illum l-artal ta' San Mikiel għandu dehra ħafna aktar sempliċi milli kellu fl-imgħoddi. Ħarsa lejn ritratt antik tal-knisja, armata għall-festa titulari lejn tmiem is-seklu 19, turina prospettiva l-ġmiel tagħha, integrata ħaġa waħda mill-art sal-gwarniċun, b'elementi ta' sħab u girlandi ta' ward u weraq, flimkien ma' xbihat ta' anġli jittajru f'bixra xi ftit movimentata. Iżda fl-ewwel snin tas-seklu 20, ħabta tas-sena 1912, dan l-artal, bħaż-żewġ artali l-oħra tar-Rużarju u tal-Kurċifiss, messitu x-xorti ħażina li tneħħietlu l-iskultura dekorattiva barokka li kienet iżżejnu. It-tliet kwadri ovali tneħħew ukoll u llum jinsabu fis-sagristija l-qadima. Il-knisja ta' Ħal Balzan, bħal knejjes oħra f'pajjiżna, kellha ġġarrab dan it-telfien irreparabbli fl-ornamentazzjoni barokka tagħha, meta bdew jillixxaw il-ħitan tal-knejjes u jneħħu l-iskultura dekorattiva mill-prospettivi tal-artali, ħtija tal-"manija Neoklassika", kif isejħilha l-Prof. Vinċenz Borg, li għamlet ħerba mill-patrimonju barokk tal-gżejjer tagħna.[7]



Il-prospettiva tal-artal ta' San Mikiel kif narawha llum, wara li fl-ewwel snin tas-seklu 20 kienet tneħħiet l-iskultura barokka li kienet iżżejjinha.

Il-prospettiva tal-artal ta' San Mikiel illum għandha format aktar vertikali, imħaddna minn żewġ kolonni skanalati ta' ordni kompost, waħda fuq kull naħa tal-kwadru. Il-kwadru tal-Arkanġlu San Mikiel hu kopja tal-oriġinal tal-pittur Taljan Guido Reni, bħalma naraw ukoll fi knejjes oħra.[8] Fuq il-kwadru nsibu kitba miżmuma minn żewġ anġli li tgħid: "San Mikiel ejja għin lill-poplu t'Alla". Fuq nett il-prospettiva tagħlaq bi kwadru żgħir tal-Kunċizzjoni. Jolqotna wkoll, taħt il-kwadru ta' San Mikiel, il-korp sant tal-martri San Valentinu, ko-protettur tal-parroċċa ta' Ħal Balzan. L-artal ta' San Mikiel kien ikkonsagrat, flimkien mat-tliet artali l-oħra tal-kappelluni, nhar id-19 ta' Jannar 1953 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Fis-snin 90 sar ix-xogħol taż-żebgħa

u l-indurar tal-prospettiva tal-artal taħt id-direzzjoni ta' Valent Chetcuti, is-sagristan tal-knisja.



It-terħa rrakkmata li tintrama fuq l-artal ta' San Mikiel għall-festa titulari tal-Lunzjata.

## Il-fratellanza ta' San Mikiel

Xhieda oħra tad-devozzjoni tal-Balzanin lejn San Mikiel hija l-fratellanza ta' dan il-qaddis li għandna fil-parroċċa.[9] Din il-fratellanza twaqqfet kanonikament fl-1728 fi żmien il-kappillan Dun Marju Tonna. B'danakollu l-istatuti u r-regoli tagħha ġew approvati kważi mija u ħamsin sena wara, nhar il-15 ta' Lulju 1876, mill-Isqof Carmelo Scicluna wara talba li saritlu mill-kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Ġużepp Salnitro.[10]

Skond dawn l-istatuti u r-regoli, seta' jissieħeb fil-fratellanza min ikun għalaq il-ħmistax-il sena u jkun qed jgħix ħajja nisranija tajba. Dmir ewlieni tal-fratelli kien li jxerrdu u jkattru d-devozzjoni lejn San Mikiel, li jieħdu sehem fil-purċissjonijiet, u li jattendu għall-funzjonijiet li tagħmel il-fratellanza. Il-fratelli kellhom jilbsu konfratija bajda tal-għażel u muzzetta ħadra, u wieħed minnhom seta' jilbes medaljun bix-xbieha tal-Arkanġlu San Mikiel. L-imseħbin kellhom id-dmir ukoll li jieħdu sehem fil-funeral ta' kull membru tal-fratellanza u li jitolbu għalih, u li jgħinu lil xulxin fil-ħtiġijiet kollha, kemm spiritwali kif ukoll materjali. Jekk xi msieħeb fil-fratellanza jibda jgħix ħajja li ma tixraqx jew skandaluża kellu jitkeċċa mill-fratellanza. It-tmexxija tal-fratellanza hija f'idejn ir-rettur li għandu jkun il-kappillan.[11]



Il-medaljun bix-xbieha tal-Arkanġlu San Mikiel li kien jintlibes mir-rettur tal-fratellanza.

## L-istatwa ta' San Mikiel

Issa kien jonqos li l-parroċċa ta' Ħal Balzan ikollha wkoll statwa tal-Arkanġlu San Mikiel. Din ix-xewqa kienet ilha tberren f'moħħ il-Kan. Dun Spir Sammut, li għamel żmien twil prokuratur tal-fratellanza ta' dan il-qaddis.[12] Kien f'April tas-sena 1959, sewwasew ħamsin sena ilu, li Dun Spir "irnexxielu fl-aħħar li San Mikiel ilaqqgħu ma' wieħed devot tiegħu, is-Sur Ġużeppi Falzon minn Ħal Qormi, li fiż-żmien kien prokuratur tal-fratellanza ta' San Mikiel f'Ħal Qormi."[13] Ġużeppi Falzon u l-familja tiegħu kienu għadhom kemm ġew joqogħdu Ħal Balzan, fejn kellhom l-imħażen konnessi man-negozju tagħhom bħala importaturi taż-żebgħa tad-ditta 'British Paints Limited'. Dun Spir malajr avviċina lis-Sur Falzon u ħajru biex ikun il-benefattur ta' din l-istatwa, peress li l-fratellanza ma kellhiex fondi għaliha. Is-Sur Falzon aċċetta, iżda billi kien irtira mix-xogħol minħabba saħħtu, ħalla f'idejn iż-żewġ uliedu, George u Stanley, li b'rispett lejn missierhom aċċettaw. Dawn iż-żewġ aħwa ħallew f'idejn Dun Spir biex jieħu ħsieb u jordna l-istatwa.[14]



Il-Kan. Spir Sammut (1907-1987), iben Ħal Balzan, li għal snin twal kien il-prokuratur tal-fratellanza ta' San Mikiel, u li bit-tħabrik tiegħu saret l-istatwa ta' dan il-qaddis.



Is-Sur Ġużeppi Falzon, il-benefattur tal-istatwa, u devot kbir ta' San Mikiel.

Dun Spir, skultur huwa nnifsu u ġej minn familja ta' dan il-mestier, tefa' għajnejh fuq id-Ditta Ferdinando Perathoner ta' Ortisei, fil-provinċja ta' Bolzano, waħda mid-ditti li jispeċjalizzaw fl-arti sagra f'dik iz-zona tal-Italja.[15] Bla telf ta' żmien, huwa telaq lejn Ortisei, fornit bid-dokumenti, disinji u ritratti, biex hu stess ikun jista' jistħarreġ b'għajn kritika xi xogħol u statwi maħdumin minn din id-Ditta, billi sa dakinhar id-Ditta Perathoner kienet għadha ma għamlitx xogħol statwarju għal Malta.[16] Minn dak li ra Dun Spir ħassu sodisfatt, u għaldaqstant għamel l-akkordju dwar l-istatwa u l-pedistall, kif ukoll dwar iż-żebgħa u l-induratura tagħha. F'dik l-ewwel żjara ta' Dun Spir lid-Ditta Perathoner, ftiehem mal-iskultur li kif jabbozza l-istatwa jibgħat jgħarrfu biex jitla' jaraha, u jekk ikun hemm bżonn anke jagħmel xi alterazzjonijiet. L-iskultur żamm kelmtu, u kif ħejja l-abbozz tal-istatwa bagħat għall-Kan. Sammut, li bla telf ta' żmien mar mill-ġdid Ortisei. Ta' skultur li kien, Dun Spir għamel xi suġġerimenti u talab li jsiru xi alterazzjonijiet.[17]



L-istatwa ta' San Mikiel qiegħda tinħadem fil-bottega tad-Ditta Ferdinando Perathoner f'Ortisei (Bolzano). Jidher il-Kan. Spir Sammut.

Hawn ta' min isemmi li d-Ditta Ferdinando Perathoner għandha tradizzjoni kbira ta' snin twal ta' esperjenza fl-iskultura ta' bassoriljevi u statwi ta' daqsijiet differenti maħdumin bl-idejn fl-injam u fil-bronż. Din is-sengħa ta' skultura ta' statwi u xbihat sagri Ferdinando Perathoner nissilha f'uliedu, li mbagħad għaddewha 'l uliedhom u 'l ulied uliedhom, hekk li llum id-Ditta tista' tiftaħar b'aktar minn erba' ġenerazzjonijiet ta' artisti u skulturi li għandhom xogħlijiet imxerrdin mal-Italja kollha u f'aktar minn għoxrin pajjiż barrani. F'Malta llum id-Ditta Perathoner għandha diversi opri tal-arti.[18] L-istatwa ta' San Mikiel fil-parroċċa tagħna ma tistax ma titqiesx fost l-aħjar xogħlijiet li ħarġu minn dan l-istabbiliment. Skond tagħrif li l-awtur preżenti rċieva mid-Ditta Ferdinando



L-istatwa ta' San Mikiel, meqjuma fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan, li din is-sena qegħdin infakkru l-50 sena tagħha.

Perathoner, l-istatwa ta' San Mikiel ta' Ħal Balzan ġiet esegwita mill-missier megħjun minn wieħed minn uliedu jismu Roberto, u nżebgħet minn ibnu ieħor jismu Bruno.[19]

L-istatwa ta' San Mikiel turi lil dan l-Arkanġlu bħala żagħżugħ, f'qagħda ħafifa u żvelta, liebes il-kurazza u bl-elmu f'rasu, u b'riġel wieħed qed jirfes trijonfalment lix-xitan. B'idu l-leminija qed jaqbad fjamma nar, u f'idu x-xellugija qed iżomm tarka, bir-raġġi ħerġin minnha, u fiċ-ċentru tagħha l-emblema forma ta' trijanglu bil-għajn fin-nofs li tirrappreżenta lit-Trinità Qaddisa. L-istatwa għandha xebħ ma' statwi oħra ta' San Mikiel li għandna f'Malta, fosthom dik ta' Bormla, xogħol Marjanu Gerada fl-1819, u speċjalment dik ta' Ħal Qormi, biċċa xogħol sabiħa tal-iskultur Pietru Pawl Azzopardi fl-1865.[20] Dan wieħed malajr jista' jifhmu meta jiftakar fir-rabtiet li żgur kellu ma' din l-istatwa s-Sur Ġużeppi Falzon, il-benefattur tal-istatwa tagħna, meta kien prokuratur tal-fratellanza ta' San Mikiel f'Ħal Qormi.

## San Mikiel jasal Ħal Balzan

Wara sitt xhur l-istatwa ta' San Mikiel kienet lesta u waslet Malta f'Novembru 1959. L-istatwa flimkien mal-pedistall swiet £160. Inġabet Ħal Balzan u tqiegħdet fil-maħżen li kellu s-Sur Falzon wara d-dar tiegħu. Ta' min isemmi b'sogħba li, l-għada li waslet l-istatwa, lil Ġużeppi Falzon amministrawlu l-Griżma tal-Morda u nhar is-6 ta'



L-istatwa ta' San Mikiel fil-knisja arċipretali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, xogħol l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi fl-1865. Ta' min jinnota x-xebh bejn din l-istatwa u dik tal-parroċċa ta' Ħal Balzan.



L-istatwa ta' Ħal Balzan tixbah ukoll l-istatwa ta' San Mikiel li nsibu fil-knisja kolleġġjata ta' Bormla, xogħol l-iskultur Marjanu Gerada fl-1819.

Diċembru miet taħt id-dell ta' San Mikiel, mingħajr ma kellu x-xorti jara lesta l-istatwa li kien tant ħadem għaliha.

Il-festa tal-inawgurazzjoni tal-istatwa l-ġdida ġiet iffissata għall-Ħadd, it-13 ta' Diċembru 1959. Dakinhar l-istatwa ta' San Mikiel ġiet trasportata mill-maħżen u wkoll immuntata fid-dar Nru 10, Sqaq 2, Triq il-Kbira. Minn hemm beda l-korteo bl-istatwa, akkumpanjat mill-Banda San Gabriel li ssoktat iżżid mal-ferħ tal-okkażjoni. Il-korteo mexa tul it-Triq il-Kbira sal-knisja parrokkjali. Fil-knisja l-istatwa tbierket minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, li dakinhar kien preżenti wkoll minħabba li kien se jamministra l-Griżma tal-Isqof lit-tfal tal-parroċċa.[21] Mons. Gonzi, li ma setax ma jħossux kburi li kellu jbierek din l-istatwa tal-qaddis ta' ismu, ikkummenta dwar il-valur artistiku tal-istatwa ta' San Mikiel, kumment li għamluh ukoll bosta nies oħra li jifhmu.

Wara t-tberik tal-istatwa kompliet il-funzjoni solenni bl-għasar kantat bil-mużika. Imbagħad ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa l-ġdida ta' San



L-istatwa ta' San Mikiel quddiem il-maħżen tal-familja Falzon fi Sqaq Nru 2, Triq il-Kbira, ftit qabel ma ġiet inawgurata. It-tfajjel liebes l-ilbies tal-Ewwel Tqarbina huwa l-awtur ta' din il-kitba, billi dakinhar huwa kien fost it-tfal li għamlu l-Griżma tal-Isqof.



L-istatwa ta' San Mikiel fuq iz-zuntier tal-knisja qabel it-tberik tagħha mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.

Mikiel immexxija minn Mons. Prof. Ġużeppi Sapiano, li kien minn Ħal Balzan.[22] Il-purċissjoni kienet akkumpanjata bil-musketterija u b'xi murtali tal-bomba. Fi dħul il-purċissjoni, tkantaw l-innu u l-antifona ta' San Mikiel u ngħatat il-barka sagramentali. Wara l-barka, il-Banda San Gabriel kompliet il-programm tagħha u hekk intemmet il-festa. Kif spiċċa kollox ħafna Balzanin u dilettanti mill-irħula tal-qrib imlew il-knisja biex jaraw u jammiraw il-ġmiel tal-istatwa.

Issa Ħal Balzan kellu wkoll l-istatwa tiegħu ta' San Mikiel, li setgħet titgawda matul is-sena fin-niċċa tagħha fil-kappellun tal-Kurċifiss, u l-aktar fl-aħħar Ħadd ta' Settembru meta fil-parroċċa tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Mikiel Arkanġlu. Iżda biex l-istatwa tkun tista' toħroġ fil-knisja fil-jiem tal-festa u tintrafa' fuq l-ispalel fil-purċissjoni, kien għad jonqosha l-bradella. Għaldaqstant, wara xi sentejn



It-13 ta' Diċembru 1959. L-istatwa ta' San Mikiel qiegħda titwassal il-knisja parrokkjali, akkumpanjata mill-Banda San Gabriel. Fir-ritratt tidher quddiem fejn illum hemm is-Sala Aurora.





L-aħwa George u Stanley Falzon li, flimkien ma' missierhom Ġużeppi, għamlu tajjeb għall-ispejjeż tal-istatwa ta' San Mikiel.

l-istess benefatturi ddeċidew li jagħmlu l-bradella tal-kewba, li qamet £100. Issa l-opra kienet komplita minn kollox, u l-aħwa Falzon kienu sodisfatti li lil missierhom kienu qatgħulu xewqtu.[23]

## Il-festa ta' San Mikiel

Insibu li fl-imgħoddi l-festa ta' San Mikiel f'Ħal Balzan kienet issir fil-jum liturġiku tad-29 ta' Settembru, bl-għasar lejlet il-festa u l-quddiesa kantata nharha. Jidher li biż-żmien il-festa kienet bdiet tikber hekk li fl-1802, barra li beda jissemma l-paneġierku li jsir nhar il-festa, insibu l-ħruġ ta' flus għall-porvli, għall-maskli, għas-sufarelli tal-ajru u għall-injam għall-illuminazzjoni. Fil-festa tal-1858 jissemmew ukoll is-sekondi vespri. Mhux talli hekk, iżda kienu jiġu ċċelebrati wkoll il-festi marbutin mat-tliet kwadri li kienu jżejnu l-prospettiva tal-artal, kif diġà ssemma.[24]

Kif inhu mistenni, mal-wasla tal-istatwa ta' San Mikiel f'Ħal Balzan il-festa ta' dan il-qaddis bdiet issir ukoll bil-purċissjoni fil-jum liturġiku. Hekk insibu li fis-sena 1976 ingħadet il-kurunella fit-tlett ijiem ta' qabel il-festa bħala tridu ta' tħejjija. L-Erbgħa, id-29 ta' Settembru, jum il-festa, il-quddies kollu kien bl-omelija. Fil-5.30 ta' filgħaxija sar l-għasar, u wara purċissjoni bl-istatwa. Wara l-purċissjoni saret il-quddiesa kantata bl-omelija mill-Kan. Vincenzo Azzopardi, u wara ċelebrazzjoni ewkaristika u l-professjoni fil-fratellanza ta' San Mikiel.[25]



L-istatwa ta' San Mikiel fil-Museum tas-Subien ta' Ħal Balzan, maħduma mid-Ditta Luigi Santifaller (Ortisei, Bolzano).

Mis-sena ta' wara, l-1977, jidher li l-festa ta' San Mikiel bdiet tiġi ċċelebrata l-Ħadd fuq il-jum liturġiku tad-29 ta' Settembru. Dik is-sena l-festa saret nhar it-2 t'Ottubru, bl-għasar, il-purċissjoni, u l-professjoni tal-fratelli l-ġodda fil-fratellanza tal-qaddis. L-omelija fuq San Mikiel għamilha Dun Feliċ Tabone.[26] Iżda s-sena ta' wara, l-1978, il-festa ta' San Mikiel, li kellha ssir fl-1 t'Ottubru, tħassret minħabba l-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu I li kienet ġrat tlett ijiem qabel.[27] Fl-1980 San Mikiel sar il-Ħadd, it-28 ta' Settembru, bil-kant tal-għasar lejlet il-festa u nharha, u l-purċissjoni bl-istatwa, li fiha ħadu sehem il-membri tal-fratellanza.[28]

Il-membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija wkoll kellhom is-sehem tagħhom fil-festa ta' San Mikiel fil-parroċċa. Billi San Mikiel huwa l-qaddis difensur tas-Soċjetà tal-Museum, maħtur mill-Fundatur San Ġorġ Preca nnifsu, il-membri jħarsu l-jum tad-29 ta' Settembru bħala jum speċjali ta' talb. Fis-snin l-imgħoddija, il-membri Balzanin kienu jibdew il-ġurnata b'quddiesa fl-artal ta' San Mikiel fil-knisja parrokkjali.[29] Imbagħad ikomplu l-programm tal-jum jew fil-qasam tal-Museum stess jew f'xi kappella tal-kampanja, biex hekk isservihom ta' ħarġa fl-istess ħin. Kien hemm drabi meta l-programm għamluh xi mkien qrib il-baħar u allura setgħu jagħmlu l-aħħar għawma tal-istaġun sajfi.[30] Fis-snin 80 il-quddiesa ta' San Mikiel organizzata mill-membri tal-Museum bdiet issir filgħaxija, sakemm biż-żmien inqatgħet għal kollox.

Mal-mogħdija tas-snin il-festa ta' San Mikiel f'Ħal Balzan bdiet tnaqqas mis-solennità tagħha, aktar u aktar wara l-mewt tal-Kan. Dun Spir Sammut fl-1987. Dun Spir, bħala l-prokuratur tal-fratellanza ta' San Mikiel għal ħafna snin, kien ir-ruħ ta' din il-festa. Għall-ewwel inqatgħet il-purċissjoni, u l-festa baqgħet issir biss fil-knisja, għalkemm fuq skala inqas. L-istatwa ta' San Mikiel għamlet xi snin tinħareġ barra min-niċċa u tintrama fuq il-bankun fil-jiem tal-festa, iżda llum lanqas dan m'għadu jsir, u b'dispjaċir ikollna ngħidu li l-festa ta' San Mikiel saret parti mill-istorja tal-parroċċa.

Iżda hija ħaġa tajba li, f'għeluq il-ħamsin sena mill-wasla tal-istatwa ta' San Mikiel fil-parroċċa tagħna, infakkru fid-devozzjoni li kellhom il-Balzanin ta' dari lejn dan il-qaddis. Forsi tkun idea tajba wkoll li, imqar għal din is-sena ċinkwantenarja, l-istatwa ta' San Mikiel tintrama fil-knisja fil-jiem tal-festa tiegħu biex il-Balzanin tal-lum ikunu jistgħu jgawdu l-ġmiel artistiku ta' din l-istatwa, parti mill-patrimonju li ħallewlna missirijietna.

## Noti u Referenzi

[1] Knejjes żgħar iddedikati lil San Mikiel insibu dik fuq l-għolja tal-Iklin, f'Ħal Lija, oħra fl-Imqabba, u oħra f'Burmarrad, in-naħa tal-Imdawra, qrib is-Salini.

[2] Dun Ġużepp Grech Cremona, fl-artiklu tiegħu "Il-Qima ta' San Mikiel f'Malta u Għawdex," isemmi 21 artal iddedikati lil San Mikiel fil-knejjes tagħna, ħmistax f'Malta u sitta f'Għawdex. Ara *Villa Lija*, Ottubru 1984, p.5.

[3] Għandna tmien parroċċi f'Malta u oħra f'Għawdex li għandhom fratellanza ta' San Mikiel. Statwi ta' dan il-qaddis insibuhom f'disa' knejjes parrokkjali f'Malta u fi tlieta f'Għawdex. Fost dawn ta' min isemmi: San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta, Bormla, iż-Żejtun, San Ġorġ f'Ħal Qormi, Ħaż-Żabbar, u San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex. Ara *Ibid.*

[4] It-tagħrif dwar din il-knisja, meħud mill-arkivju parrokkjali u mill-viżti pastorali, ittieħed minn Dun Ġwann Dimech, "Siltiet mill-Istorja ta' Ħal Balzan," *Ħal Balzan* Nru 3, Jannar/Frar 1972, p.1. Ara wkoll Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan: Ġrajjietu sa l-1999* (Malta: Kunsill Lokali Balzan, 2004), pp.15-16.

[5] Meta seħħet din il-ġrajja Ħal Balzan kien għad ilu biss ftit aktar minn tliet snin parroċċa. Ħal Balzan infired mill-matriċi ta' Birkirkara nhar l-14 ta' Awwissu 1655.

[6] It-tagħrif dwar l-artal ta' San Mikiel, meħud mill-arkivju parrokkjali u mill-viżti pastorali, ittieħed minn Dun Ġwann Dimech, "San Mikiel," *Ħal Balzan* Nru 46, Marzu/April 1979, pp.2-3, u *Ibid.* Nru 47, Mejju/Ġunju 1979, p.2. Ara wkoll Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan: Ġrajjietu sa l-1999*, *op.cit.*, pp.133-137.

[7] Vincent Borg, "Maltese Churches," fi Giovanni Mangion (ed.), *Maltese Baroque* (Malta: 1989), p.71.

[8] Il-pittura ta' San Mikiel ta' Guido Reni (1575-1642), li saret madwar is-sena 1635, tinsab Ruma fil-knisja ta' Santa Maria della Concezione tal-patrijiet Kapuċċini f'Via Vittorio Veneto. Din il-pittura ħalliet it-timbru tagħha fuq l-ikonografija pittorika ta' San Mikiel u serviet ta' mudell għall-pitturi li ġew warajha. F'Malta nsibu diversi kwadri t'artali li huma replika ta' din il-pittura magħrufa, eminenti fosthom dik ta' Mattia Preti fil-kappella tal-Lingwa ta' Provenza fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Kwadri oħra fuq l-istess mudell insibuhom fil-Kalkara, fiż-Żejtun, f'San Pawl tal-Belt u f'San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex. Dawn l-aħħar tnejn huma tal-mużajk.

[9] Il-fratellanza ta' San Mikiel hija t-tielet fratellanza li twaqqfet fil-parroċċa. Qabilha nsibu l-fratellanza tas-Sagrament fl-1575 u l-fratellanza tar-Rużarju fl-1658. Wara dawn it-tlieta twaqqfet l-aħħar fratellanza, dik tad-Duluri, fl-1959. Ara Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan: Ġrajjietu sa l-1999*, *op.cit.*, pp.250-255.

[10] Ara Dun Ġwann Dimech, "L-Istatuti u r-Regoli tal-Fratellanza ta' San Mikiel," *Ħal Balzan* Nru 55, April/Ġunju 1981, p.2.

[11] *Ibid.*, pp.2-3. Ara wkoll Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan: Ġrajjietu sa l-1999*, *op.cit.*, pp.254-255.

[12] Dun Spir Sammut twieled Ħal Balzan nhar is-26 ta' Ġunju 1907. Studja l-iskultura, id-disinn u l-mudell fl-iskola tal-arti, il-Belt, u għal ħafna snin ħadem ta' skultur fil-ġebel. Kien fost il-membri ewlenin tas-Soċjetà tal-Museum meta fetħet f'Ħal Balzan fl-1923, u għamel għaxar snin superjur. Daħal is-Seminarju, l-ewwel f'Malta u mbagħad, fi żmien il-gwerra, f'Għawdex. Waqt li kien seminarista Għawdex għamel ukoll xi xogħol ta' skultura, l-aktar fil-knisja Ta' Pinu u fis-Seminarju tar-Rabat, fejn wieħed mill-bibien għadu magħruf bħala l-bieb ta' Dun Spir. Ġie ordnat saċerdot fis-6 ta' April 1946. Kellu diversi karigi kemm fil-parroċċa tagħna kif ukoll fil-Kolleġġjata ta' San Pawl, il-Belt, fejn laħaq kanonku f'Ottubru 1960. F'Jannar 1967 l-Arċisqof ħatru kappillan tas-Sorijiet tal-Bon Pastur f'Ħal Balzan. Ħadem ukoll fil-Missjoni ż-Żgħira u fl-Għaqda għat-Trasport tal-Morda f'Lourdes. Il-Kan. Spir Sammut miet nhar il-21 ta' Settembru 1987.

[13] Dun Ġwann Dimech, "L-Istatwi tal-Knisja ta' Ħal Balzan," *Ħal Balzan* Nru 51, April/Ġunju 1980, p.3. Ara wkoll Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan: Ġrajjietu sa l-1999*, *op.cit.*, pp.152-153.

[14] Nirringrazzja lis-Sinjura Josephine Farrugia Randon, bint is-Sur Stanley Falzon, tat-tagħrif li tatni u r-ritratti li għoġobha tislifni.

[15] Ditti rinomati oħra li għandhom ħafna xbiħat sagri tal-injam fil-knejjes Maltin huma Ferdinando Stuflesser, ditta stabbilita f'Ortisei sa mis-sena 1875, li ħadmet l-istatwi titulari ta' Sant'Anna għal Wied il-Għajn (1946), San Ġużepp għall-Kalkara (1949), u l-istatwa ta' San Pietru għall-parroċċa ta' Birżebbuġa (1959), u Vincenzo Moroder, li ħadem l-istatwa titulari tal-Madonna tal-Karmnu tal-Fgura (1960), u l-istatwa ta' Sant'Antnin ta' Padova (1958) flimkien ma' statwi għall-knisja tal-Kapuċċini f'Għajn Dwieli. Ara Franġisku Azzopardi OFM Cap, *Il-Kapuċċini f'Għajn Dwieli – Raħal Ġdid* (Malta: 2003), pp.36, 51.

[16] Għalkemm jidher li sas-sena 1959 id-Ditta Perathoner kien għad ma kellhiex kummissjonijiet ta' statwi għal hawn Malta, kienet ħadmet tista' tgħid l-għamara kollha għall-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana, bħall-artal maġġur, bit-tabernaklu u l-ġirandola, sitt artali tal-ġnub u erba' konfessjonarji, kollha xogħol sabiħ tal-ġewż bi skultura ta' statwetti u bassoriljevi. Ara P. Lettur Timotju mill-Belt OFM Cap, *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kappuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan* (Malta: 1955), p.164.

[17] Inrodd ħajr lis-Sur Aldo Sammut, in-neputi tal-Kan. Dun Spir Sammut, tat-tagħrif li tani u r-ritratti li għoġbu jislifni. Aldo u ħuh Max komplew fit-tradizzjoni ta' missierhom u l-familja, u bħala l-proprjetarji tad-ditta 'Sammut Marble Works' għadhom sal-lum jaħdmu fl-iskultura u fl-irħam.

[18] Fost xogħlijiet oħra, id-Ditta Ferdinando Perathoner esegwiet l-istatwa titulari tal-Madonna ta' Lourdes għall-parroċċa ta' San Ġwann fl-1960, kif ukoll l-istatwi tad-Duluri (1960), ta' San Ġużepp (1965), u ta' San Franġisk għall-istess parroċċa. Ara Donat Spiteri OFM Kap, *Il-Parroċċa ta' San Ġwann* (Malta: 1991), pp.63-67.

[19] Nirringrazzja lid-Ditta Ferdinando Perathoner tat-tagħrif li għaddewli dwar l-istatwa ta' San Mikiel permezz tal-posta elettronika, nhar il-25 ta' Settembru 2008, kif ukoll tal-katalgi u l-letteratura li bagħtuli dwar il-ħidma tagħhom fil-qasam tal-arti sagra. Id-Ditta Perathoner għandha l-istabbiliment tagħha f'Via Roma, Ortisei, Val Gardena, fil-provinċja ta' Bolzano.

[20] Joseph F. Grima, "Vari u Statwi Oħrajn," f'Joseph F. Grima (ed.), *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi – Erba' Sekli ta' Storja* (Malta: 1984), p.105. Qabel din l-istatwa ta' Pietru Pawl Azzopardi kien hemm f'Ħal Qormi statwa oħra, tal-injam ukoll, maħduma minn Xandru Farrugia fl-1847. Din l-istatwa nbiegħet fl-1866 lill-parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex. Wieħed ma jistax ma jinnutax ix-xebħ bejn din l-istatwa ta' Xandru Farrugia u l-oħra ta' Pietru Pawl Azzopardi li ħaditilha postha fil-knisja ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi.

[21] Fis-sena 1959 kien imiss li ssir il-Griżma tal-Isqof f'Ħal Balzan, billi dak iż-żmien il-Griżma kienet issir kull sentejn. F'dik is-sena rċevew is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof erbgħa u erbgħin tifel u ħamsin tifla mill-parroċċa, fosthom l-awtur ta' din il-kitba.

[22] Mons. Ġużeppi Sapiano (1911-1985) twieled Ħal Balzan. Studja fl-Università Gregorjana, Ruma, mnejn kiseb żewġ dottorati, wieħed fil-Filosofija u ieħor fit-Teoloġija, u liċenzjat fl-Istorja tal-Knisja. Ġie ordnat saċerdot fl-1934. Inħatar professur tal-Patroloġija u l-Liturġija fl-Università ta' Malta fl-1944, sakemm ġie trasferit għall-kattedra tal-

Filosofija fl-1951. Fl-1952 kien nominat teologu tal-Kapitlu Metropolitan.

23 Ta' min isemmi statwa oħra sabiħa ta' San Mikiel maħduma fl-injam li nsibu f'Ħal Balzan. Din tinsab fil-Museum tas-subien u hija xogħol id-Ditta Luigi Santifaller, ditta oħra magħrufa stabbilita f'Ortisei, Bolzano. Sa fejn jiftakar l-awtur ta' din il-kitba, din l-istatwa ngħabet il-Museum mingħand is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija ta' Ħal Balzan fis-snin 70 tas-seklu l-ieħor, meta s-sorijiet għamlu xi tibdil fil-kappella tagħhom biex jagħmluha konformi mar-riformi mitlubin mill-Konċilju Vatikan II.

24 Hekk, fil-festa ta' San Bartilmew fl-24 ta' Awwissu kien isir l-għasar lejlietha u quddiesa kantata nhar il-festa, fil-festa tal-Kunċizzjoni nhar it-8 ta' Diċembru kienet issir quddiesa kantata bid-daqq tal-orgni, u nhar l-Epifanija kienu jsiru l-primi vespri u quddiesa kantata fis-6 ta' Jannar. Ara Dun Ġwann Dimech, "San Mikiel," *Ħal Balzan* Nru 46, Marzu/April 1979, pp.2-3, u *Ibid.* Nru 47, Mejju/Ġunju 1979, p.2. Ara wkoll Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan: Ġrajjietu sa l-1999*, *op.cit.*, pp.133-137.

25 Ara *Ħal Balzan* Nru 32, Novembru/Diċembru 1976, p.2.

26 *Ibid.* Nru 38, Novembru/Diċembru 1977, p.2.

27 *Ibid.* Nru 44, Novembru/Diċembru 1978, p.2.

28 *Ibid.* Nru 54, Jannar/Marzu 1981, p.2.

29 Qabel ir-riforma liturġika seta' jsir quddies fl-artali kollha tal-knisja. Fis-sena 1948 il-quddiesa tqaddset mill-Karmelitan Patri Klement Caruana u s-sena ta' wara minn Patri Anastasju Caruana. Fis-snin l-oħra tqaddset minn wieħed mill-qassisin tal-parroċċa: Dun Ġużepp Zammit, Dun Ġwann Galea, jew il-Kappillan. Ara r-Reġistru tal-Atti tal-Qasam Nru XX (Sezzjoni Maskili), Ħal Balzan, miktub bl-idejn, bil-paġni m'humiex enumerati.

30 Fost il-kappelli fejn il-membri tal-Museum ta' Ħal Balzan għamlu l-programm speċjali ta' San Mikiel insibu: il-knisja tal-Mirakli, Ħal Lija (1951, 1952, 1954), is-santwarju tal-Mellieħa (1953), il-kappella tal-Kapuċċini, ix-Xemxija (1955, 1961), il-kappella ta' Selmun (1956), tal-Abbandunati, il-Wardija (1957), il-Viżitazzjoni f'Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ (1959), il-Lunzjata, is-Salini (1962), u fis-snin 70 f'dar il-Marfa. Mill-1977 din il-ġurnata ma baqgħetx issir minħabba li t-tfal kienu jkunu ġa bdew l-iskola. Ara *Ibid.*